Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2014

Numru. 377/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Johann Fenech**

**KONTRA**

**Helen Bugeja, bint missier mhux maghruf u Lucia Azzopardi, imwielda Tal Pieta' nhar l-1 ta' Gunju, 1967, residenti fil-fond Ent A, Flat 4, Triq l-Ghajn, Valletta, detentrici tal-karta tal-identita' numru 222867M**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Helen Bugeja** li giet akkuzata talli, nhar id-9 ta' April, 2012, f'dawn il-Gzejjer, u fil-jiem ta' qabel:

1. Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet

ta’ Malta, lil persuna/i jew ghal persuna/i, minghajr ma kellha licenzja mill-President ta’ Malta, u minghajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li tforni d-droga msemmija, minghajr ma kienet fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellha licenzja jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura jwe tforni d-droga, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli bieghet jew xort’ohra traffikat fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis, jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli ttraffikat, bieghet, qassmet jew offriet li titraffika, tbiegh jew tqassam medicina psikotropika u risetretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

4. U aktar talli kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija, u meta ma kinitx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha, u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif

provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

5. U aktar talli kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

6. U aktar talli kellha fil-pussess taghha medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 88 tal-1985, kif emendati, liema medicina nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

7. U kif ukoll talli minghajr l-awtorita’ legittima, dahhlet jew ippruvat iddahhal f’xi parti tal-konfini ta’ habs, u cioe’ fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin, oggett ikun li jkun, li hu pprojbit skont xi regolamenti maghmula skont l-Att dwar il-Habs, li hu specifikatament medicina perikoluza u kkontrollata (droga eroina, cannabis, u ecstasy) bi ksur tal-Artikolu 7(1)(2) tal-Kapitolu 260 tal-Ligijiet ta’ Malta, u r-Regolamenti maghmula taht l-istess Ligi.

Rat illi moqrija l-akkuzi, fi stadju ta’ interrogatorju (folio 11), l-imputata wiegbet illi ma kinitx hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha.

Rat il-Kontro Ordni tal-Avukat Generali taht il-Kapitoli 101 u 31 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta, u cioe’ l-Artikolu 7(1)(2) tal-Kapitolu 260 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat illi ghal dawn, l-imputata tat il-kunsens taghha ghal proceduri sommarji (folio 223).

Rat illi anke gie mitlub u redatt Social Inquiry Report li gie ezebit a folio 251 bhala Dok MZ.

Rat ukoll illi giet prezentata xhieda guramentata li l-istess Helen Bugeja kienet ghamlet quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

Rat ukoll illi fi stadju avvanzat ta’ dawn il-proceduri, l-imputata ammetiet l-akkuzi migjuba kontra taghha, u zammet ferm l-istess ammissjoni.

Semghet ukoll it-trattazzjonijiet dwar il-piena.

Rat ukoll li l-Prosekuzzjoni anke ddikkjarat illi l-imputata kellha tibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dan in vista’ ta’ dak minnha guramentat.

Illi in vista’ tal-amissjoni minnha registrata, il-Qorti qieghda ssib lil Helen Bugeja hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha, u dan wara li rat:

- L-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- It-Tielet Parti tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- L-Artikolu 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- L-Artikoli 40A u 120A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- L-Avviz Legali 22/1985;
- GN 292/1939;
- SL 101.2002;
- L-Artikloli 22, 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- L-Artikolu 7 tal-Kapitolu 260 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar il-piena, il-Qorti kkonsidrat dak konkluz mill-espert analista Godwin Sammut, u cioe’:
“*Illi fl-estratti mehuda mit-trab ta’ lewn kannella li hemm fid-dokument 093_12_01 instabet is-sustanza eroina. Il-piz tat-trab kien ta’ 4.51 grammi, u l-purita’ kienet ta’ circa*

*23%. Din is-sustanza hija kkontrollata taht Taqsima I tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Il-valur tal-eroina huwa ta' €73 kull gramma (ara Appendici II) li jaghti total ta' €329.23;*

*Illi fuq estratti mehuda mis-sustanzi ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 093_12_01 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol li hija sustanza li tigi mill-pjanta tal-Kannabis. Il-piz tas-sustanza kien ta' 33.90grammi, u l-purita' kienet ta' circa 6.0%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht it-Tielet Skeda Taqsima A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Il-valur ta' Cannabis resin huwa ta' €17 kull gramma (ara Appendici II) li jaghti total ta' €576.30.*

*Illi fl-estratti mehuda mill-pilloli li gew analizzati li hemm fid-dokument 093_12_01 instabet is-sustanza 3,4-Methylenedioxymethamphetamine(MDMA). In-numru total ta' pilloli kien ta' 17. Din is-sustanza hija kkontrallata bil-Ligi taht it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi fl-estratti mehuda mill-pilloli ta' lewn abjad li hemm fid-dokument 093_12_01 instabet is-sustanza meta-Chlorophenylpiperazine(mCPP). In-numru total ta' pilloli kien ta' 3. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Il-valur tal-Ecstasy huw ta' €10 kull pillola (ara Appendici II) li jaghti total ta' €200.*"
(vide Dok GS a folio 90 et seq)

Ikkonsidrat il-periklu u l-implikazzjonijiet li l-import tad-droga ghandu gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin; kif dan jimmina l-istess struttura, u jikkrea nstabbilta' fl-ghanijiet taghha.

Illi certament Helen Bugeja mhix estranea ghad-dinja tad-droga, u suppost ghandha tifhem il-perikoli u l-konsegwenzi ta' azzjonietha.

Illi l-partijiet trattaw il-piena li fl-opinjoni taghhom hija idonea, biex tigi nflitta fuq l-imputata. Illi dan pero, kif jirrizulta ex lege, certament **qatt (enfasi tal-Qorti)** ma jista' jorbot lil din il-Qorti fid-deskrizzjoni taghha.

Illi ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda, tenut tal-gravita' tar-reat, wara li kkonsidrat l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 260 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u kif ukoll l-Artikoli gia' hawn fuq citati, tqis illi l-piena idonea hija dik karcerarja ta' tlitt(3) snin, u multa ta' erbat elef Ewro (€4,000);
Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lil Helen Bugeja ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal disa' mija u sebgha u sittin Ewro u erbgha u sebghin centezmu(€967.74).

Tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita u mmarkata bhala KB286.2012.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------